**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 422/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti zzewgu nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991) (vide l-anness Dok A) mil-liema zwieg huma kellhom zewgt (2) itfal li m'ghadhomx minuri, cioe', N B, li twieldet nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disghin (1990), u Z B li twieled fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995);
2. Illi r-rikorrenti dahlu f'kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar James Grech datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), liema kuntratt gie awtorizzat minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat wiehed u tletin (31)

ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;

3. Illi r-rikorrenti jaqblu illi z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul, u jiddikjaraw :
    a. Illi ghaddew izjed minn erba' (4) snin minn meta sseparaw legalment;
    b. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
    c. Illi kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ir-rikorrenti kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin u ghalhekk m'hemm l-ebda manteniment li huwa dovut;
    d. Illi ulied ir-rikorrenti illum huma maggorenni u ghandhom impjieg fiss fuq bazi full-time u ghalhekk l-ebda maneniment m'hu dovut fil-konfront taghhom;
4. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti jaqblu Ii jissussistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex din l-Qorti tholl iz-zwieg taghhom u taghti digriet ta' divorzju skont il-ligi;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

(1) Tholl iz-zwieg taghohm u taghti digriet ta' divorzju skont il-ligi; u

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqstant minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tar-rikorrenti sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti, inkluz l-affidavit bix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-22 ta' Gunju 2012 u ilhom aktar minn erba' snin de facto separati minn xulxin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.